**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(QORTI TAL-FAMILJA)**

**Illum 03 ta' April, 2024**

**Rikors Revoka Nru: 259/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 122/2020 fl-ismijiet:

**Graziella Briffa**

**vs**

**Angelo Briffa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Angelo Briffa, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti:

1. Thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie akkordat fil-5 ta' Awwissu 2020 ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante n-nuqqas ta' interess da parti tal-istess Graziella Briffa.

2. Tikkundanna lill-istess Graziella Briffa thallas lil Angelo Briffa penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Graziella Briffa, intavolata skond ma awtorizzat il-Qorti fl-1 ta' Frar 2024.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Permezz ta' din il-procedura, Angelo Briffa qieghed jitlob lill-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu minn martu Graziella Briffa sabiex din tqieghed fis-sod kreditu ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Jirrizulta illi l-mandat gie mitlub u akkordat fil-5 ta' Awwissu 2020. Giet tentata s-solita medjazzjoni skond ma tipprovdi l-ligi però din ma pprovdiet ebda soluzzjoni u nghalqet permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-13 ta' Gunju 2022. Ma nbdiet ebda kawza ta' separazzjoni fit-termini impost mil-ligi. Lanqas ma gie pprezentat kontro-mandat.

Din it-talba ghat-thassir tal-mandat saret biss f'Novembru 2023 u cioè sbatax-il xahar wara li ntemmet il-medjazzjoni u wara li Graziella Bugeja ghazlet li ma tressaqx kawza.

Issa l-Art. 836 1(f) jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Madanakollu, jirrizulta wkoll illi ezattament granet qabel ma nfethu dawn il-proceduri, Graziella Briffa pprocediet b'ittra b'talba ghall-medjazzjoni gdida. Ma jirrizultax lill-Qorti li din il-medjazzjoni hija maghluqa.

L-Art. 843(1) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment kif gej:

> *"Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda' jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati."*

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba ghadhom pendenti proceduri bl-istess kawzali li ghalihom jirreferi l-mandat in kwistjoni, it-talba ghat-thassir tieghu mhijiex issa gustifikata. Kienet tkun storja ohra kieku t-thassir tal-mandat intalab qabel il-25 ta' Ottubru 2023. Issa, galadarba hemm proceduri pendenti, il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, lanqas it-talba ghall-imposizzjoni tal-penali ma hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-14 ta' Novembru 2023.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF